**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 76**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta 21 ta' Mejju 2024, fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi, fi 392 Triq il-Vitorja Ħal Qormi, Ħal Qormi fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento -Sindku
Donnha Barbara - Viċi Sindku (online)
Ralph Puli - Kunsillier (online)
Doris Zammit - Kunsillier (online)
George Muscat - Kunsillier (online)
Marvin Zammit - Kunsillier
Dr Sean Apap Meli - Kunsillier (online)
Daniel Ablett - Kunsillier (online)

**ASSENTI**

Abigail Sammut - Kunsillier
Carmelo Cuschieri - Kunsillier
Martina Grech - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Marilyn Baldacchino Gatt - Deputat Segretarju Eżekuttiv

**76.1** **Minuti**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppresieda l-laqgħa.

**76.1.1** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** poġġa fuq il-mejda kopja tal-Minuti Nru 75, liema Minuti kienu ċċirkulati u meħuda bħala moqrija.

**76.1.2** **Il-Kunsillier Marvin Zammit** talab sabiex issir korrezzjoni fuq punt 75.2.7. Għandu jiżdied il-kliem "Il-Perit tal-kunsill informa li iz-zebra crossing ma tistax issir fil-kantuniera."

**76.1.3** **Il-Kunsillier Marvin Zammit** talab sabiex issir korrezzjoni fuq punt 75.5.1. Għandu jiżdied dan il-kliem "Wara li is-sindku ippropona lil Dr. Sean Apap Meli għan nomina ta' Ġieh Hal Qormi, saret diskussjoni bejn il-membri u il-kunsillier Marvin Zammit ġibed l-attenzjoni li mhux preċedent tajjeb li il-kunsill ressaq għal-dan l-unur membru attiv fi ħdan l-istess Kunsill. Saret diskussjoni bejn il-membri u qablu li dan l-unur jingħata lis-Sur Bastjan Debono"

**76.1.4** Il-Kunsillier Ralph Puli talab sabiex issir korrezzjoni fuq punt 75.5.1. Għandu jiżdied dan il-kliem "minkejja l-kwalitajiet tajbin hafna ta Sean Meli, nemmen li ikun iktar opportun li Gieħ Hal Qormi jingħata lil Bastjan Debono, anke minħabba numru ta' ragunijiet validi".

Il-Minuti ġew approvati kif ikkorreġuta.

**76.2** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**76.2.1** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-kunsill rċieva talba mid-Drama Pagaent Group San Bastjan għall-ħlas ta' €2500 bħala servizz mill-istess Għaqda fl-attività' mill-Ġulbiena sal-Milied f'Diċembru 2023. Is-Sindku spjega li kien hemm ftehim ma Ms Karen Camilleri, dak iż-żmien Segretarju Eżekuttiv li jingħataw dan l-ammont bħala remunerazzjoni għad-dramm tal-Milied li tellgħu waqt l-attività imsemmija.

Saret diskussjoni bejn il-membri u sar qbil li għal din id-darba jitħallsu l-ammont mitlub.

**76.2.2** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li wara li ġiet imsemmija il-petizzjoni ta' Triq il-Barrakki fis-seduta Numru 75, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv iċċekkjat fis-sistema u kif semmiet il-Kunsillier

Doris Zammit sabet li f'Ottubru 2023 kien hemm applikazzjoni ma Transport Malta fuq petizzjoni li il-Kunsill rċieva dawk iż-żminijiet. Din l-applikazzjoni sal-lum tinsab pendenti minħabba li Transport Malta talbu xi pjanti min naħa tal-Perit tal-Kunsill, liema pjanti għadhom mhux lesti u ma intbagħtux lil Transport Malta.

76.2.3 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill ġie infurmat li l-Awtorita tal-Ippjanar daħlitilha applikazzjoni numru PC 00057/22, liema applikazzjoni ġiet mibgħuta lil membri permezz ta' ittra elettronika.

Din l-applikazzjoni min Karkanja Developments Ltd qed titlob li l-art fiz-zona ta' 47 Triq il-Belt Valletta li tagħti għal fuq il-Wied (vicinTriq l-Erba Qaddisin) tinbidel min "Mixed Use Areas without Residential Units" to "Mixed Use Areas with Residential Units and Other Uses" kif jindika il-Pjan Lokali QO 04 kif amendat fuq PC62/07 u PC7/08, u sabiex isir pjazza pubblika li tista tintuża bir-riġel fuq l-istess art.

Il-Perit tal-Kunsill infurmana li diġà saru rappreżentazzjonijiet minn xi sidien tal-kummerċ f'dik l-akwata. Dawn qed joġġezzjonaw li ġaladarba din il-Planning Control tidħol fis-seħħ tista' taffettwa il-kummerċ u ix-xogħol tagħhom għaliex huma jiġu ta' xkiel għar-residenti li jiġu jgħixu f'din il-binja, kemm il-darba din l-applikazzjoni tal-Planning Control tiġi approvata.

Il-Perit tal-Kunsill informa li il-Kunsill Lokali jista' joġġezzjona li din iz-zona tiġi parti minnha residenzjali. Il-kunsill jista' jagħmel dan sat-3 ta' Lulju 2024.

Il-membri qablu li issir l-oġġezzjoni sabiex l-akwata tibqa industrijali, għaliex jekk issir residenzjali il-Kunsill se jidħol f'aktar problemi bejn ir-residenti u il-garaxxi industrijali f'dik l-akwata.

76.2.4 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-kunsill talab lis-Sur James Sghendo sabiex jara x'hemm bżonn biex id-dawl mal-Madonna tar-Rużarju jerga ibda jixgħel.

Is-Sur Sghendo informa lil Kunsill li il-ħsara li hemm hija kawża ta' fjuretti li qedin esposti għal elementi. Hu tkellem mal-ħaddied li kien ħadem fuqhom u sar qbil li jinbidlu il-bozoz u issir ħġieġa fuqhom.

Is-Sur Sghendo qalahom u qed inaddafhom hu stess. Sabiex il-fanali isiru bil-ħġieġa (brazz) ġo fihom is-Sur Sghendo ġabar stima mingħand Pisani Lights ta' €520.

Il-membri qablu li il-Kunsill Lokali jidhol ghal tali spiza.

76.2.5 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill Lokali Hal Qormi illum gie infurmat illi l-applikazzjoni għal-Fond ta' Aġġustament għass-sena 2024 ġiet aċċettata u fil-jiem li ġejjin il-Kunsill Lokali Hal Qormi se jkun qed jirċievi is-somma ta' €10,000.

76.2.6 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li wara li ħarġet l-ewwel default notice minħabba li il-kuntrattur ma kienx għadu ppreżenta il-performance guarantee, din ġiet ppreżentata fil-jiem li għaddew. Bħalissa l-imsemmi kuntrattur qed jaħdem fuq il-works orders li ntbagħtu lilu u qed isir repainting taz-zebra crossings u xi parkeġġi oħra li kienu urġenti.

76.2.7 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li James Sghendo il-Contract Manager tal-kunsill informal is-Segretarjat tal-Kunsill illi fi Drive in fi Triq San Edwardu hemm bozza maqtugha, liema bozza hija mill-antiki u imqabdda mad-dawl tal-gvern. L-Enemalta nformaw lil Kunsill li biex din tkun tista tibqa tiffunzjona irid isir rewiring u il-wire jitqabbad mal-linja diretta tal-gvern. L-ispiza tal-kuntrattur tal-Kunsill hija ta' circa €500.

Il-Membri qablu sabiex il-Kunsill jitlob stima oħra mingħand l-elektrixin tal-Kunsill.

76.2.8 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li b'referenza għat-talba tal-ħinijiet li qed jinħadmu il-ħaddiema klerikali, nġabret informazzjoni mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv u informatu illi sa mis-sajf 2020 nbidlu il-ħinijiet tax-xogħol tal-ħaddiema klerikali tal-Kunsill Lokali. Min kif kienu ġew maħduma is-sigħat, irriżulta li bejn is-sena 2020 u is-sena 2023 is-sigħat maħduma fix-xitwa ma kienux qed jirriflettu is-sigħat maħduma nieqsa fis-sajf. Min *working* li sar fuq is-sigħat maħduma, irriżulta li kien hemm diskrepanza ta' aktar minn 400 siegħa maħduma nieqsa kull sena bejn il-ħaddiema klerikali kollha.

Sabiex tonqos din id-diskrepanza, ġie maqbul mal-ħaddiema klerikali li huma jirrapurtaw għax xogħol fis-7.30 ta' filgħodu (minflok 7.45) sa l-4.30 ta' wara nofsinhar bejn l-1 ta' Ottubru u nofs Ġunju (kwarta break) u bejn is- 7.30 ta' filgħodu u is-1.30 ta' wara nofshinar bejn nofs Ġunju u l-aħħar ta' Settembru. Il-ġranet tal-leave ikunu maħduma pro rata 8.75 sigħat fix-xitwa u 6 sigħat fis-sajf.

Is-Sindku qed jinforma lil membri li dawn il-ħinijiet se jidħlu fis-seħħ minn nhar it-Tnejn 27 ta' Mejju u minkejja li għal dan is-sajf ma ħadmux biżżejjed sigħat filgħodu, il-ħinijiet tas-sajf se jibdew xorta f'nofs Ġunju. Minħabba dan il-ftehim ġdid, se jiġi mitlub sabiex jiġi irranġat ir-recording tat-telefon, sabiex ir-residenti ikunu jistgħu jibdew jinqdew permezz tat-telefon mis-7.30 ta' filgħodu minflok fit-8.00 kif kienu qabel.

76.3 **Ħwejjeġ Oħra**

76.3.1 **Il-Kunsillier Doris Zammit** nformat lil Kunsill li rċeviet apprezzament mingħand Sister Margaret tal-Agostinjani wara li il-Kunsill Lokali innomina lil Sister Bartolomea għall-għarfien il-Hila. Il-Kunsillier Zammit informat li se tkun qed twassal lil Sister Bartolomea għal-quddiesa ta' Jum Hal Qormi

76.3.2 **Il-Kunsillier Sean Apap Meli** talab sabiex isiru Road Humps fi Triq il-Wied kantuniera ma Triq Kav A Agius.

76.3.3 **Il-Kunsillier Doris Zammit** talbet sabiex isir repainting tal-kaxxi bojod fi Vjal De La Cruz.

76.3.4 **Il-Kunsillier Doris Zammit** talbet sabiex isir infurzar fuq il-karozzi li qed jipparkjaw fuq il-linji sofor quddiem il-kunvent tas-Sorijiet Agostinjani fi Triq San Bartolomew

76.3.5 **Il-Kunsillier Marvin Zammit** qajjem il-punt li minkejja li jaqbel mal-filmati li saru biex jippromovu l-attivitajiet tal-kunsill, kif qedin f'kampanja elettorali ma għandhomx ikomplu jitilgħu filmati fil-paġna ta' Facebook tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Daniel Ablett qabel mal-Kunsillier Zammit biex il-filmati ma jippromovux persuna waħda.

Is-Sindku Josef Masini Vento semma li il-PR tal-Kunsill qiegħed taħt ir-responsabbiltà tas-Sindku.

Sar qbil bejn il-membri li il-filmati li telgħu jibqgħu hemm u ma jibqgħux jitilgħu filmati aktar.

**76.4 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fis-7.45 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat-Tlieta 18 ta' Gunju 2024 fis-6.30 ta' filgħaxija.

Konfermati llum, ***18 ta' Ġunju 2024***.

Josef Masini Vento (Dr)
Sindku

Marilyn Baldacchino Gatt
Deputat Segretarju Eżekuttiv